MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Numru 24/2003

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Joseph Mary Difesa, iben
Ġiuseppi, imwieled Valletta
fil-21 ta' settembru, 1951

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-15 ta' diċembru, 2002 fil-Belt, Valletta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew prodott ta''industrija jew manifattura, jew xjentement għamel użu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-

merkanzija, jew biegħ tali merkanzija, jew xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbħin b’qerq u cioe’ madwar 3,000 audio CD’s allegatament foloz;
2. bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkpja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil/taħt il-liġi ta’ Malta;
3. bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkpja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam minn post jew minn ġewwa post li huwa kopert b’liċenzja, jew bħala parti minn attivita’ koperta b’tali liċenzja, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil/jew taħt il-liġi ta’ Malta;
4. talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kodiċi Kriminali wara li ġie kkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati tat-12 ta’ mejju, 1994, tat-12 ta’ ġunju, 1998, tal-4 ta’ frar, 2002 u tas-27 ta’ ġunju, 2002.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi toedna l-kofiska tal-oġġetti eżebiti u tirrevoka l-liċenzja ta’ fixed hawker maħruġa f’isem Joseph Mary Difesa.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 298(1)(a)(b)(ċ)(f), 298B, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-A.L. 120 ta’

l-1992 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u ħames mitt lira maltin (Lm1,500). Tordna l-konfiska tat-3,000 audio CDs eżebiti. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok li l-imputat jitlef il-liċenzja ta' fixed hawker.

--------------------------------TMIEM--------------------------------